Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT GENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fil-25 ta' Novembru 2020[1]

**Kawża C-795/19**

**XX**
**vs**
**Tartu Vangla,**
**fil-preżenza ta':**
**justiitsminister,**
**tervise- ja tööminister,**
**õiguskantsler**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari - Politika soċjali - Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol - Direttiva 2000/78/KE - Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà - Artikolu 2(2)(a) - Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi livell ta' akutezza tas-smigħ minimu għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' uffiċjal tal-ħabs - Akutezza tas-smigħ li hija inqas mil-livell rikjest - Impediment assolut għaż-żamma fis-servizz - Artikolu 4(1) - Rekwiżit professjonali essenzjali u determinanti - Ġustifikazzjoni - Artikolu 2(5) - Artikolu 5 - Obbligu tal-persuna li timpjega li timplimenta arranġamenti raġonevoli - Proporzjonalità"

## I. Introduzzjoni

1. Il-kawża preżenti tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà stabbilita mid-Direttiva 2000/78/KE[2].

2. Hija tikkonċerna persuna impjegata bħala uffiċjal tal-ħabs u li tkeċċiet minnħabba l-fatt li waqt eżami tal-akutezza tas-smigħ tagħha din l-akutezza rriżultat li hija ta' livell inqas mil-limitu minimu rikjest mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

3. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġejja mir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja).

4. Permezz ta' din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet sabiex teżamina b'mod iktar partikolari, il-proporzjonalità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li, fis-settur tal-ħabs, tipprojbixxi ż-żamma fl-impjieg ta' ħaddiem li għandu diżabbiltà tas-smigħ.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

5. Fit-tmiem tal-analiżi tiegħi, ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi li l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78 moqri flimkien mal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li l-projbizzjoni assoluta li jiġu eżerċitati l-funzjonijiet ta' aġent tal-ħabs, iddedikat għas-sorveljanza tal-ħabsin, minħabba s-sempliċi raġuni li l-persuna interessata għandha diżabbiltà li hija kkostitwita minn akutezza tas-smigħ inferjuri għall-istandard stabbilit minn din il-leġiżlazzjoni, għandha tiġi interpretata bħala sproporzjonata u, għaldaqstant, hija kuntrarja għall-imsemmija direttiva.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

6. Il-premessi 16, 17, 18, 20, 21 u 23 tad-Direttiva 2000/78 jistabbilixxu:

"(16) Il-provvediment ta' miżuri biex jakkommodaw il-bżonnijiet ta' persuna b'diżabilità fuq post tax-xogħol għandha rwol importanti fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni minħabba dizabilità.

(17) Din id-Direttiva ma teħtieġx ir-reklutaġġ, il-promozzjoni, iż-żamma fl-impjieg jew fit-tħarriġ ta' individwu li mhuwiex kompetenti, kapaċi u disponibbli biex jaqdi l-funzjonijiet essenzjali tax-xogħol konċernat jew biex jgħaddi minn taħrig relevanti, mingħajr prejudizzju għall-obbligu biex jiġu pprovduti arranġamenti raġonevoli għall-persuni b'dizabilitajiet.

(18) Din id-Direttiva ma teħtieġx, b'mod partikolari, illi l-forzi armati u l-pulizija, is-servizz tal-ħabsijiet jew ta' l-emerġenza jirreklutaw jew iżommu fl-impjieg persuni li ma jkollhomx il-kapaċità rikjesta biex jaqdu l-funzjonijiet kollha li huma jistgħu jkunu mitluba illi jwettqu fir-rigward ta' l-għan leġittimu li tinżamm il-kapaċità operattiva ta' dawn is-servizzi.

[...]

(20) Għandhom jiġu pprovduti miżuri approprjati, jiġifieri miżuri effettivi u prattiċi biex jadattaw il-post tax-xogħol għad-diżabilità, per eżempju jadattaw il-postijiet u t-tagħmir, ritmi tax-xogħol, id-distribuzzjoni tal-kompiti jew tad-dispożizzjoni ta' riżorsi ta' tħarrig jew integrazzjoni.

(21) Sabiex jiġi stabbilit jekk il-miżuri inkwistjoni jikkawżawx piż sproporzjonat, għandu jittieħed kont b'mod partikulari ta' l-ispejjeż finanzjarji u ta' natura oħra li dan jimplika, ta' l-iskala u r-riżorsi finanzjarji ta' l-organizzazzjoni jew l-intrapriża u l-possibilità li jiġu ottenuti fondi pubbliċi jew assistenza oħra.

[...]

(23) F'ċirkostanzi limitati ħafna, differenza ta' trattament tista' tkun ġustifikata fejn karatteristika marbuta ma' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali tikkostitwixxi rekwiżit professjonali essenzjali u determinanti, meta l-objettiv huwa leġittimu u l-ħtieġa proporzjonata. Dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jiġu inklużi fl-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri lill-Kummissjoni."

7. Skont il-kliem tal-Artikolu 1 ta’ din id-direttiva, intitolat “Skop”:

“L-iskop ta’ din id-Direttiva huwa li tniżżel parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta’ reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali f’dak li għandu x’jaqsam ma’ l-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri il-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament.”

8. L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Il-kunċett ta’ diskriminazzjoni”, jipprevedi:

“1. Għall-iskop ta’ din id-Direttiva, ‘il-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament’ għandu jfisser li m’għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1:

a) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b’mod inqas favorevoli milli kienet tiġi trattata oħra f’sitwazzjoni simili, għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1;

[…]

5. Din id-Direttiva m’għandhiex tippreġudika dawk il-miżuri stabbiliti bil-liġi nazzjonali li, f’soċjetà demokratika, huma neċessarji għas-sigurtà pubblika, għall-ordni pubbliku u għall-prevenzjoni ta’ offiżi kriminali, għall-protezzjoni tas-saħħa u għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta’ oħrajn.”

9. L-Artikolu 3(1) ta’ din l-istess direttiva, intitolat “Il-kamp ta’ applikazzjoni”, huwa fformulat kif ġej:

“Fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lill-[Unjoni], din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f’dak privat, inklużi korpi pubbliċi, f’dak li jirrigwarda:

a) il-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg, għal xogħol ta’ min jaħdem għal rasu u għal xogħol ieħor, inklużi l-kriterji ta’ għażla u l-kondizzjonijiet ta’ reklutaġġ, ikun xi jkun il-qasam ta’ attività u fil-livelli kollha tal-ġerarkija professjonali, inkluża l-promozzjoni;

[…]

ċ) il-kundizzjonijiet għall-impjieg u tax-xogħol, inklużi sensji u paga;

[…]”

10. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/78, intitolat “Il-ħtiġiet tax-xogħol”, jipprevedi, fil-paragrafu (1) tiegħu:

“Minkejja l-Artikolu 2(1) u (2), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li differenza ta’ trattament li hija bbażata fuq karatteristika relatata ma’ kwalunkwe bażi msemmija fl-Artikolu 1 m’għandhiex tikkostitwixxi diskriminazzjoni meta, minħabba n-natura ta’ attivitajiet partikulari tax-xogħol ikkonċernati jew il-kuntest li fihom jitwettqu, din il-karatteristika tikkostitwixxi ħtieġa ġenwina u determinanti tax-xogħol, sakemm l-għan ikun leġittimu u proporzjonat.”

11. L-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, intitolat "Akkomodazzjoni [Arranġamenti] raġjonevoli għal persuni b'dizabilità", jiddisponi:

"Sabiex tiġi ggarantita konformità mal-prinċipju ta' l-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward ta' persuni b'diżabilitajiet, għandha tiġi pprovduta akkomodazzjoni [għandu jkun hemm arranġamenti] raġonevoli. Dan ifisser li dawk li jħaddmu għandhom jieħdu mizuri approprjati, meta meħtieġa f'każ partikulari, biex jippermettu persuna b'diżabilità li jkollha aċċess għal, u tipparteċipa fil-, jew tavvanza fl-impjieg, jew titħarreġ, sakemm dawn il-miżuri ma jimponux piż sproporzjonat fuq min iħaddem. Dan il-piż ma jitqiesx sproporzjonat meta jiġi mnaqqas biżżejjed permezz ta' miżuri li jkunu jeżistu fil-qafas tal-politika dwar diżabilità fl-Istat Membru kkonċernat."

## *B. Id-dritt Estonjan*

12. L-Artikolu 146 tal-Vangistusseadus (il-Liġi dwar il-Priġunerija) jipprevedi:

"(1) L-għan tal-eżami mediku tal-uffiċjal tal-ħabs huwa l-iskoperta ta' problemi ta' saħħa kkawżati mis-servizz, it-tnaqqis u t-tneħħija ta' riskji għas-saħħa u l-konstatazzjoni tal-assenza ta' problemi ta' saħħa li jipprojbixxu lill-uffiċjal tal-ħabs milli jissodisfa l-obbligi professjonali tiegħu.

[...]

(4) Ir-regoli dwar ir-rekwiżiti u l-eżami mediku tal-uffiċjali tal-ħabs, kif ukoll ir-rekwiżiti dwar il-kontenut u l-forma taċ-ċertifikat mediku huma previsti permezz ta' regolament tal-Gvern tar-Repubblika tal-Estonja."

13. Il-Vabariigi Valitsuse määrus nr 12 "Vanglateenistuse ametniku tervisenõuded ja tervisekontrolli kord ning tervisetõendi sisu ja vormi nõuded" (ir-Regolament Nru 12 tal-Gvern tar-Repubblika tal-Estonja 'li jipprevedi r-rekwiżiti u l-eżami mediku tal-uffiċjali tal-ħabs, kif ukoll ir-rekwiżiti dwar il-kontenut u l-forma taċ-ċertifikat mediku'"), tat-22 ta' Jannar 2013 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 12"), adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 146(4) tal-Liġi dwar il-Priġunerija, daħal fis-seħħ fis-26 ta' Jannar 2013.

14. L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 12 jipprevedi:

"(1) L-akutezza tal-viżta tal-uffiċjal tal-ħabs għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

1) l-akutezza tal-viżta b'korrezzjoni ma għandhiex tkun ta' inqas minn 0.6 f'għajn u mhux inqas minn 0.4 fl-għajn l-oħra;

2) kamp viżwali normali, perċezzjoni normali tal-kuluri, u viżta fid-dlam normali.

(2) L-uffiċjal tal-ħabs huwa awtorizzat li jilbes lentijiet tal-kuntatt u nuċċali."

15. Skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament:

"(1) Il-livell tal-akutezza tas-smigħ tal-uffiċjal tal-ħabs għandu jkun suffiċjenti sabiex jikkomunika permezz tat-telefon u sabiex jisma' l-ħoss ta' allarm u l-messaġġi fuq ir-radju.

(2) Waqt l-eżami mediku, it-telf fis-smigħ tal-uffiċjal tal-ħabs, ma jistax, fil-widna li permezz tagħha jisma' l-aħjar, jaqbeż 30 [decibels dB] għall-frekwenzi bejn 500 sa 2 000 [Hertz (Hz)] u

40 dB għall-frekwenzi bejn 3 000 sa 4 000 Hz, u fil-widna li permezz tagħha jisma' l-inqas, jaqbeż 40 dB għall-frekwenzi ta' bejn 500 sa 2 000 Hz u 60 dB għall-frekwenzi ta' bejn 3 000 sa 4 000 Hz."

16. L-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament jiddisponi:

"(1) Il-lista ta' problemi tas-saħħa li jistgħu jostakolaw lill-uffiċjal tal-ħabs milli jissodisfa l-obbligi professjonali tiegħu, li għandhom jiġu osservati waqt l-evalwazzjoni tal-istat tas-saħħa tal-uffiċjal tal-ħabs, hija prevista fl-Anness 1.

(2) Il-preżenza ta' impediment mediku assolut tipprekludi li persuna tidħol fis-servizz bħala uffiċjal tal-ħabs jew li ssegwi taħriġ sabiex tippreparaha għall-funzjoni ta' uffiċjal tal-ħabs. [...]"

17. L-Anness 1 ta' dan l-istess regolament jipprevedi l-lista ta' problemi tas-saħħa li jostakolaw lill-uffiċjal tal-ħabs milli jissodisfa l-obbligi professjonali tiegħu. Fost l-"impedimenti mediċi", it-"telf tas-smigħ għal inqas mill-istandard meħtieġ", huwa kklassifikat bħala "impediment assolut".

## III. It-tilwima fil-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kien ġie impjegat mill-ħabs ta' Tartu (l-Estonja) bħala uffiċjal tal-ħabs minn Diċembru 2002, għal kważi ħmistax-il sena, bħala gwardjan, l-ewwel fi ħdan it-taqsima ta' priġunerija, u, sussegwentement, minn Ġunju 2008, fi ħdan it-taqsima ta' sorveljanza. L-obbligi tiegħu ta' servizz f'din l-aħħar pożizzjoni kienu jinkludu, fost oħrajn, is-sorveljanza ta' persuni taħt sorveljanza elettronika bl-għajnuna ta' sistema ta' kontroll, it-trażmissjoni ta' informazzjoni dwar dawn il-persuni, il-monitoraġġ ta' apparat ta' kontroll u ta' sinjali, ir-reazzjoni u t-trażmissjoni ta' informazzjoni, b'mod partikolari fil-każ ta' allarm, u l-konstatazzjoni ta' ksur tar-regolament intern. Il-qorti tar-rinviju tindika li waqt il-karriera kollha tiegħu, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali qatt ma kien suġġett għal kritika fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-obbligi professjonali tiegħu.

19. Ċertifikat mediku bid-data tal-4 ta' April 2017 wera li r-rikorrent kellu difett fl-akutezza tas-smigħ f'widna, tali li ma kienx jissodisfa l-livell stabbilit mir-Regolament Nru 12, u lanqas ma kien jissodisfa r-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-uffiċjali tal-ħabs stabbiliti minn dan ir-regolament[3]. Skont ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, dan kien difett mit-twelid.

20. Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Ġunju 2017, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali tkeċċa mid-Direttur tal-ħabs ta' Tartu, fuq il-bażi, b'mod partikolari, tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 12, minħabba n-nuqqas ta' konformità tal-livell ta' akutezza tas-smigħ mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament. Għaldaqstant, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ppreżenta rikors quddiem it-Tartu Halduskohus (il-Qorti Amministrattiva ta' Tartu, l-Estonja) intiż sabiex tiġi ddikjarata n-natura illegali tad-deċiżjoni ta' tkeċċija u sabiex jinkiseb kumpens, billi sostna li l-imsemmi Regolament Nru 12 wassal għal diskriminazzjoni minħabba diżabbiltà kuntrarja għall-Kostituzzjoni kif ukoll għal-liġi dwar l-ugwaljanza fit-trattament.

3 Id-deċiżjoni tar-rinviju tippreċiża li l-livell ta' akutezza tas-smigħ fl-agħar widna tar-rikorrent fil-kawża prinċipali kien ta' 55 sa 75 dB għall-frekwenzi bejn 500 sa 2 000 Hz filwaqt li skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 12, l-akutezza tas-smigħ tal-widna li tisma' l-inqas ma għandhiex taqbeż 40 dB għal dawn il-frekwenzi.

21. Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Diċembru 2017, din il-qorti ċaħdet ir-rikors billi kkunsidrat, b'mod partikolari, li r-rekwiżit fil-qasam tas-smigħ previst mir-Regolament Nru 12 jikkostitwixxi miżura neċessarja u ġġustifikata sabiex jiġi żgurat li l-uffiċjali tal-ħabs fis-servizz ikunu jistgħu jissodisfaw il-kompiti kollha tagħhom.

22. Permezz ta' sentenza tal-11 ta' April 2019, it-Tartu Ringkonnakohus (il-Qorti tal-Appell ta' Tartu, l-Estonja) laqgħet l-appell tar-rikorrent fil-kawża prinċipali, annullat din id-deċiżjoni u ddikjarat in-natura illegali tad-deċiżjoni ta' tkeċċija u kkundannat lill-ħabs ta' Tartu sabiex iħallsu kumpens li jikkorrispondi għal 60 xahar paga. Din il-qorti qieset li r-Regolament Nru 12, b'mod iktar preċiż l-Anness 1 tiegħu, li jipprevedi li t-tnaqqis fis-smigħ għal inqas mill-istandard meħtieġ jikkostitwixxi impediment assolut għaż-żamma fis-servizz bħala uffiċjal tal-ħabs, kien kuntrarju għall-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u għall-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi stabbiliti mill-Kostituzzjoni. Għaldaqstant, l-imsemmija qorti ma applikatx ir-Regolament Nru 12 għall-kawża prinċipali, u bdiet il-proċedura ġudizzjarja ta' stħarriġ tal-kostituzzjonalità ta' dan l-anness quddiem il-qorti tar-rinviju.

23. Fir-rigward tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza, it-Tartu Ringkonnakohus (il-Qorti tal-Appell ta' Tartu), qabblet il-kategorija ta' uffiċjali tal-ħabs li għandhom nuqqas ta' smigħ, ma' dik ta' uffiċjali li għandhom nuqqas ta' viżta, u kkonstatat differenza fit-trattament li ma hijiex ibbażata fuq raġuni raġonevoli u rilevanti. Skont din il-qorti, ir-regoli previsti mir-Regolament Nru 12 fil-każ ta' difett viżiv jew ta' difett fis-smigħ jistgħu jitqabblu, b'mod partikolari sa fejn nuqqas fl-akutezza viżiva inqas mill-istandard meħtieġ jikkostitwixxi wkoll impediment totali. Madankollu, l-uffiċjal li għandu nuqqas ta' viżta għandu d-dritt jilbes il-lentijiet tal-kuntatt u n-nuċċali abbażi tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament, filwaqt li l-użu ta' apparat tas-smigħ ma huwiex previst fl-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament u li l-użu ta' tali apparat ma huwiex awtorizzat waqt l-eżami tal-akutezza tas-smigħ.

24. It-Tartu Ringkonnakohus (il-Qorti tal-Appell ta' Tartu) żiedet li ma setatx tifhem ir-raġuni għaliex kien rikjest li l-uffiċjal b'nuqqas ta' smigħ kellu jkollu l-kapaċità sabiex jisma' anki fil-każ tat-telf jew tal-funzjonament ħażin ta' apparat ta' korrezzjoni, filwaqt li rekwiżit simili ma jeżistix għal persuna li għandha nuqqas ta' viżta, u dan, minkejja li nuċċali miksur jista' jkun perikolu ikbar minn apparat ta' smigħ li għandu l-ħsara. B'mod partikolari, l-apparat tas-smigħ jista' jkun żgħir ħafna, jintlibes ġewwa l-widna, u jitqiegħed taħt elmu. Barra minn hekk, lista ta' apparat awtorizzat fil-ħabs tista' tiġi stabbilita. Għaldaqstant, ikun eżaġerat li jiġi eskluż kull apparat tas-smigħ mingħajr distinzjoni u li jiġi ostakolat l-eżerċizzju tal-attività fil-ħabs għall-persuni b'nuqqas ta' smigħ.

25. Fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, ir-Riigikohus, põhiseaduslikkuse järelevalve kolleegium (il-Qorti Suprema, Awla ta' Stħarriġ tal-Kostituzzjonalità), issemmi li l-awtoritajiet pubbliċi partijiet fil-proċedura esprimew opinjonijiet differenti. B'hekk, skont il-justiitsminister (il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Estonja) u l-ħabs ta' Tartu, ir-rekwiżiti previsti mir-Regolament Nru 12 dwar l-akutezza tas-smigħ huma ġġustifikati min-neċessità li jiġu żgurati s-sigurtà u l-ordni pubbliku. L-uffiċjal tal-ħabs għandu jkun f'pożizzjoni sabiex jissodisfa l-kompiti li għalihom irċieva taħriġ u sabiex, jekk ikun neċessarju, jagħti assistenza lill-pulizija. Il-Ministru għall-Ġustizzja jippreċiża li l-użu ta' apparat tas-smigħ mill-uffiċjali tal-ħabs ma huwiex ipprojbit fih innifsu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, iżda li l-eżami tal-akutezza tas-smigħ tagħhom għandu jitwettaq mingħajr l-għajnuna ta' dan l-apparat, jiġifieri mingħajr korrezzjoni. Il-livell ta' akutezza tas-smigħ naturali ta' uffiċjal tal-ħabs għandu jkun bħala konsegwenza, suffiċjenti sabiex jiżgura, mingħajr l-għajnuna ta' apparat mediku, is-sigurtà tiegħu kif ukoll dik tal-kollegi tiegħu u kommunikazzjoni sħiħa fiċ-ċirkustanzi kollha.

26. Bil-kontra, skont it-tervise- ja tööminister (il-Ministru għas-Saħħa u x-Xogħol, l-Estonja) kif ukoll għall-õiguskantsler (il-Kanċillier tal-Ġustizzja, l-Estonja) dawn ir-rekwiżiti ma humiex proporzjonali għall-għan segwit, jiġifieri, il-protezzjoni tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà kif ukoll tad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni.

27. Min-naħa tagħha, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra jekk jeżistix xi dubju dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanzja stabbilit fl-Artikolu 2 tat-Trattat UE u tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà stabbilita fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem, il-"Karta"), u fid-Direttiva 2000/78. Din il-qorti tindika, billi tirreferi għas-sentenza Vital Pérez [4] li jidher li l-interess li jiġu żgurati n-natura operattiva u l-funzjonament tajjeb tas-servizzi ta' pulizija, ta' priġunerija u ta' emerġenza, jikkostitwixxi għan leġittimu, iżda li huwa importanti li jiġi rriċerkat jekk ir-restrizzjonijiet fuq l-attività ta' uffiċjal tal-ħabs li għandu diżabbiltà tas-smigħ, bħalma huma dawk previsti mir-Regolament Nru 12, humiex proporzjonali għal dan il-għan. La l-kliem tal-imsemmija direttiva, u lanqas il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jippermettu li jinġibdu konklużjonijiet ċari li jikkonċernaw il-kwistjoni mqajma f'din il-kawża, fis-sens li l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija neċessarja.

28. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, skont ir-regoli ta' proċedura nazzjonali, fil-kuntest ta' stħarriġ ta' kostituzzjonalità, bħal dak li ġie mressaq quddiemha fil-kawża prinċipali, hija ma għandhiex il-fakultà sabiex teżamina direttament il-konformità tal-leġizlazzjoni nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni. It-Tartu Ringkonnakohus (il-Qorti tal-Appell ta' Tartu), bil-kontra, li kienet kompetenti f'dan ir-rigward, probabbilment kellha twettaq dan l-eżami. Madankollu, il-qorti tar-rinviju żżid li tista' tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan is-suġġett u li, jekk jirriżulta li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, din il-leġiżlazzjoni nazzjonali kellha titwarrab mingħajr ma jkollha teżamina r-rikors għal stħarriġ tal-kostituzzjonalità, li jkun iddikjarat bħala inammissibbli. Bil-kontra, jekk irriżulta li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix tali leġiżlazzjoni, il-qorti tar-rinviju tkun tista' tkompli bl-istħarriġ tal-kostituzzjonalità tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

29. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Riigikohus, põhiseaduslikkuse järelevalve kolleegium (il-Qorti Suprema, Awla ta' Stħarriġ tal-Kostituzzjonalità) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 2(2) u tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva [2000/78/KE], għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li t-telf ta' smigħ taħt l-istandard mitlub jikkostitwixxi impediment assolut li jipprekludi ż-żamma fis-servizz inkwantu uffiċjal tal-ħabs, u li ma tawtorizzax l-użu ta' mezzi korrettivi waqt li jiġi evalwat jekk ir-rekwiżiti fir-rigward tal-akutezza tas-smigħ humiex issodisfatti?"

30. It-talba għal domanda preliminari, bid-data tal-24 ta' Ottubru 2019, waslet il-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Ottubru 2019. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mir-rikorrent fil-kawża prinċipali, mill-Kanċillier tal-Ġustizzja, mill-Gvern Grieg kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Ma nżammitx seduta għas-sottomissjonijiet orali.

[4] Sentenza tat-13 ta' Novembru 2014, (C-416/13, EU:C:2014:2371, punti 43 sa 45).

## IV. Analiżi

31. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, fuq il-proporzjonalità fir-rigward tad-Direttiva 2000/78 ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tipprojbixxi ż-żamma fl-impjieg ta' uffiċjal tal-ħabs li għandu livell ta' akutezza tas-smigħ li huwa inqas mill-istandard stabbilit sabiex jiġi eżerċitat dan l-impjieg.

32. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jiġi vverifikat minn qabel jekk, u jekk ikun il-każ, sa fejn, id-Direttiva 2000/78 tapplika għal tali leġiżlazzjoni, b'mod partikolari jekk il-projbizzjoni li hija tipprevedi toħloqx differenza fit-trattament ibbażata fuq id-diżabbiltà u jekk din tistax tiġi ġġustifikata permezz ta' għan leġittimu.

### *A. Fuq l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78*

#### *1. Fuq il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78*

33. Mit-titolu u l-preambolu tad-Direttiva 2000/78 jirriżulta li din hija intiża sabiex tistabbilixxi qafas ġenerali sabiex tiżgura trattament ugwali fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol lil kull persuna, billi toffrilha protezzjoni effikaċi kontra d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq xi waħda mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 1 tagħha, li fosthom hemm inkluża d-diżabbiltà [5].

34. Il-kunċett ta' "diżabbiltà", li jinsab fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78 jirrigwarda limitazzjoni, li tirriżulta b'mod partikolari minn defiċjenzi fiżiċi, mentali jew psikiċi, li flimkien ma' diversi ostakli tista' tkun ta' xkiel għall-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-persuna kkonċernata fil-ħajja professjonali fuq il-bażi tal-ugwaljanza mal-ħaddiema l-oħra [6]. Defiċjenza f'kapaċità fis-sensi, f'dan il-każ is-smigħ, tikkostitwixxi defiċjenza fiżika fis-sens ta' dan l-artikolu.

35. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva jipprevedi barra minn hekk, li din tapplika għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi, f'dak li jikkonċerna, skont il-punt a tiegħu, il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-impjieg, b'mod partikolari l-kundizzjonijiet ta' reklutaġġ, u, skont il-punt (ċ) tiegħu, il-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol, inklużi l-kundizzjonijiet tat-tkeċċija.

36. Konsegwentement, billi jipprevedi li l-livell ta' akutezza tas-smigħ tal-aġent għandu jissodisfa ċerti rekwiżiti u, li livell ta' akutezza tas-smigħ li huwa inqas mill-istandard rikjest jikkostitwixxi impediment assolut għar-reklutaġġ ta' tali aġent, ir-Regolament Nru 12 jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-impjieg fis-sens ta' dan il-punt (a), u, fil-każ fejn iwassal għat-tkeċċija ta' persuna li diġà hija impjegata, jikkonċerna wkoll il-kundizzjonijiet ta' impjieg fis-sens ta' dan il-punt (c). Bħala konsegwenza, dan ir-regolament jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78.

[5] Ara, f'dan is-sens, fir-rigward tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, is-sentenza tat-13 ta' Settembru 2011, Prigge *et* (C-447/09, EU:C:2011:573, punt 39).

[6] Ara wkoll, is-sentenzi tal-11 ta' April 2013, HK Danmark (C-335/11 u C-337/11, EU:C:2013:222, punt 38, iktar 'il quddiem "is-sentenza HK Danmark") kif ukoll tat-18 ta' Marzu 2014, Z. (C-363/12, EU:C:2014:159, punt 77).

### *2. Fuq l-eżistenza ta' differenza fit-trattament ibbażata fuq diżabbiltà*

37. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-Regolament Nru 12 jipprevedi standard minimu fil-qasam tal-akutezza tas-smigħ li abbażi tiegħu l-persuni li jissodisfaw dan l-istandard jirċievu trattament differenti minn dawk li ma jissodisfawhx. Huma biss dawk li jissodisfawh li jistgħu jkunu s-suġġett ta' reklutaġġ bħala uffiċjal tal-ħabs. Barra minn hekk, il-persuni li ma jissodisfawx l-imsemmi standard, iżda li ġew impjegati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, ma jistgħux, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, jinżammu fl-impjieg tagħhom.

38. Minn dan jirriżulta li tali regolament joħloq ostakolu għall-aċċess għall-impjieg u għaż-żamma f'tali impjieg għall-persuni li ma jissodisfawx l-istandard stabbilit fil-qasam tal-akutezza tas-smigħ u, għaldaqstant, dan ta lok għal differenza fit-trattament direttament ibbażata fuq id-diżabbiltà, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78 [7].

39. Barra minn hekk, ninnota li l-qorti tar-rinviju tuża t-terminu diżabbiltà sabiex tikklassifika l-livell ta' akutezza tas-smigħ tar-rikorrent fil-kawża prinċipali u li l-użu ta' dan it-terminu għal dan tal-aħħar ma jidhirlix li ġie kkontestat mill-partijiet fil-kawża prinċipali.

40. Peress li ġiet innotata differenza fit-trattament, għandu jiġi vverifikat jekk din tikkostitwixxix diskriminazzjoni pprojbita jew jekk tistax tiġi ġġustifikata peress li tissodisfa rekwiżit essenzjali u determinanti filwaqt li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju għal dan il-għan.

### *3. Fuq l-eżistenza ta' ġustifikazzjoni*

41. Hekk kif stidnitna sabiex nagħmlu l-qorti tar-rinviju, inqis li hemm lok sabiex jiġi eżaminat jekk regola li tistabbilixxi livell ta' akutezza tas-smigħ, bħalma jagħmel ir-Regolament Nru 12, tikkostitwixxix "rekwiżit professjonali essenzjali u determinanti", fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78 li tissodisfa xi għanijiet leġittimi, fis-sens tal-Artikolu 2(5) ta' din id-direttiva, u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju għal dan il-għan. Fil-każ ta' risposta affermattiva, mill-kliem ta' dan l-Artikolu 4(1) jirriżulta li d-differenza fit-trattament ibbażata fuq id-diżabbiltà, maħluqa permezz ta' tali leġiżlazzjoni, ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni fis-sens tal-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva.

42. Infakkar li, fir-rigward ta' deroga għall-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat b'mod strett u li l-premessa 23 ta' din id-direttiva tippreċiża li tali deroga tista' tiġi applikata f'sitwazzjonijiet limitati ħafna biss [8].

43. Nenfasizza wkoll li ma hijiex waħda mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78, li fuqha hija bbażata d-differenza fit-trattament, li għandha tikkostitwixxi rekwiżit essenzjali, iżda karatteristika marbuta ma' din ir-raġuni [9].

44. F'dan ir-rigward, mill-konstatazzjonijiet imwettqa fil-punti 37 u 38 ta' dawn il-konklużjonijiet, jirriżulta li r-rekwiżit ta' livell minimu ta' akutezza tas-smigħ jikkostitwixxi karatteristika marbuta ma' waħda minn dawn ir-raġunijiet, jiġifieri d-diżabbiltà.

7 Jien nindika li ma naqbilx mal-perspettiva tat-Tartu Ringkonnakohus (il-Qorti tal-Appell ta' Tartu), li abbażi tagħha, il-paragun għandu jitwettaq bejn il-persuni li jbatu minn diżabbiltà viżiv u dawk li jbatu minn diżabbiltà fis-smigħ.

8 Ara s-sentenza tal-14 ta' Marzu 2017, Bougnaoui u ADDH (C-188/15, EU:C:2017:204, punt 38).

9 Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2017, Bougnaoui u ADDH (C-188/15, EU:C:2017:204, punt 37, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

45. Fir-rigward tal-ħtieġa ta' tali karatteristika, ma tantx hemm dubju li l-obbligi li wieħed jisma' b'mod korrett, u għaldaqstant sabiex jissodisfa ċertu livell ta' akutezza tas-smigħ jirriżultaw mill-funzjonijiet tal-uffiċjal aġent tal-ħabs, hekk kif deskritti mill-qorti tar-rinviju. Fil-fatt, din esponiet li s-sorveljanza tal-priġunieri timplika b'mod partikolari li wieħed jista' jinduna bi problemi li jistgħu jimmanifestaw ruħhom permezz ta' ħoss u li jisma' meta jindaqq allarm [10]. Il-komunikazzjoni tal-uffiċjal tal-ħabs mal-kollegi tiegħu tirrekjedi wkoll li jisma' l-proposti diretti oralment ta' dawn tal-aħħar, xi kultant f'sitwazzjonijiet ta' storbju, jew permezz ta' apparat ta' komunikazzjoni.

46. Bl-istess mod bħar-rekwiżit ta' pussess ta' ċerti kapaċitajiet fiżiċi, b'mod partikolari sabiex ikun jista' jikkontrolla fiżikament il-persuni detenuti, l-akutezza tas-smigħ tista' tiġi kkunsidrata bħala rekwiżit professjonali essenzjali u determinanti [11].

47. Fir-rigward tal-għanijiet segwiti, l-awtoritajiet pubbliċi kollha parteċipanti fil-kawża prinċipali kif ukoll l-qorti tar-rinviju semmew il-preżervazzjoni tas-sigurtà pubblika u ż-żamma tal-ordni. Jidher b'mod ċar, fil-fatt, li s-servizzi tal-ħabs huma intiżi sabiex jiggarantixxu lil dawn l-għanijiet. Madankollu, sa fejn dawn l-għanijiet huma parti minn dawk espliċitament imsemmija fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2000/78, bħala li jippermettu li ssir deroga mill-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni, għandhom jitqiesu bħala leġittimi.

48. Mal-ewwel daqqa ta' għajn, jidher li leġiżlazzjoni, bħala dik fil-kawża prinċipali, li tistabbilixxi livell minimu ta' akutezza tas-smigħ applikabbli għall-funzjonijiet ta' uffiċjal tal-ħabs responsabbli għas-sorveljanza tal-ħabsin tikkostitwixxi rekwiżit professjonali essenzjali u determinanti sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi. Għaldaqstant, din il-leġizlazzjoni tidher adattata sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija.

49. Id-domanda magħmula hija dik sabiex isir magħruf jekk tali leġiżlazzjoni, li tipprojbixxi b'mod assolut l-eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet, meta r-rekwiżit ta' akutezza tas-smigħ stabbilit ma huwiex issodisfatt, hijiex proporzjonali għall-għanijiet tagħha, fis-sens li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat il-funzjonament u n-natura operazzjonali tas-servizzi tal-ħabs ikkonċernati, u, għaldaqstant, li tiġi żgurata s-sigurtà pubblika u ż-żamma tal-ordni.

### *B. Fuq il-proporzjonalità ta' miżura bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali*

50. Sabiex tingħata risposta għad-domanda dwar il-proporzjonalità ta' leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, huwa importanti li jiġi enfasizzat li d-dritt li ma jkunx hemm diskriminazzjoni minħabba diżabbiltà huwa dritt fundamentali stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta u kkonkretizzat fid-Direttiva 2000/78. Dan id-dritt huwa mniżżel ukoll fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà [12] li aderixxiet għaliha l-Unjoni.

10 Ara l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 12, iċċitat fil-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

11 Ara, b'analoġija, fir-rigward tar-rekwiżit ta' kapaċitajiet fiżiċi għall-eżerċizzju tal-attivitajiet tal-pulizija, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2014, Vital Pérez (C-416/13, EU:C:2014:2371, punt 41) u dawk tal-piloti tal-linji tal-ajru, is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2011, Prigge *et* (C-447/09, EU:C:2011:573, punt 67) kif ukoll tas-7 ta' Novembru 2019, Cafaro (C-396/18, EU:C:2019:929, punt 62).

12 Din il-konvenzjoni ġiet approvata f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE, tas-26 ta' Novembru 2009 (ĠU 2010, L 23, p. 35).

51. L-Unjoni mhux biss hija impenjata sabiex tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni minnħabba d-diżabbiltà billi għamlet sforzi sabiex telimina l-inugwaljanzi bbażati fuqha, iżda wkoll affermat l-importanza li l-integrazzjoni tal-persuni diżabbli fil-ħajja professjonali għandha tiġi promossa permezz ta' miżuri xierqa [13] sabiex jikkontribwixxu għall-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fil-ħajja ekonomika, kulturali u soċjali, kif ukoll għall-iżvilupp personali tagħhom [14].

52. Din l-integrazzjoni hija żgurata permezz tal-adozzjoni mill-persuni li jimpjegaw ta' arranġamenti raġonevoli favur il-persuni diżabbli, bħalma huma r-ritmi ta' xogħol speċifiċi jew xi infrastrutturi speċifiċi [15] konformement mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78, kif ukoll permezz ta' azzjonijiet pożittivi [16], konformement mal-Artikolu 7(2) ta' din id-direttiva.

53. Huwa f'dan il-kuntest li għandu jiġi evalwat jekk esklużjoni totali tal-attività tal-uffiċjal tal-ħabs iddedikata għas-sorveljanza tad-detenuti, bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tistax tiġi kkunsidrata bħala konformi mad-Direttiva 2000/78.

54. Nenfasizza li billi tfittex li tippromwovi l-integrazzjoni tal-persuni diżabbli fil-ħajja professjonali, id-Direttiva 2000/78 tirrikonoxxi l-importanza li ma jiġix affettwat il-funzjonament tas-setturi kkonċernati. F'dan ir-rigward, il-preambolu jiddeskrivi t-tfittxija ta' bilanċ bejn dawn iż-żewġ rekwiżiti.

55. Fil-fatt, minn naħa, il-premessa 17 tad-Direttiva 2000/78 tenfasizza l-kapaċità sabiex jiġu ssodisfatti l-funzjonijiet essenzjali tal-pożizzjoni kkonċernata bħall-kompetenza u d-disponibbiltà. Dawn il-kwalitajiet huma enfasizzati wkoll fil-premessa 18 ta' din id-direttiva li tipprevedi li "ma teħtieġx, b'mod partikolari, illi l-forzi armati u l-pulizija, *is-servizz tal-ħabsijiet* jew ta' l-emerġenza jirreklutaw jew iżommu fl-impjieg persuni li ma jkollhomx il-kapaċità rikjesta biex jaqdu *l-funzjonijiet kollha* li huma jistgħu jkunu mitluba illi jwettqu fir-rigward ta' l-għan leġittimu li tinżamm il-kapaċità operattiva ta' dawn is-servizzi" [17]. Ninnota li l-premessa 18 issemmi espliċitament lis-servizzi tal-ħabs. Barra minn hekk, billi tenfasizza l-kapaċità li jiġu ssoddisfatti "l-funzjonijiet kollha" li jistgħu jiġu assenjati lill-persunal sabiex tinżamm din in-natura operattiva, l-imsemmija premessa tirrefletti n-neċessità, li ntweriet mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex f'xi każijiet, persuna jkollha mhux biss kapaċità fiżika għolja, iżda wkoll possibbilment li tissodisfa rekwiżit ta' "interoperabbiltà", jiġifieri li turi l-kapaċità li twettaq kompiti li jmorru lil hinn minn dawk normalment rikjesti [18].

56. Min-naħa l-oħra, l-premessi 16, 17 u 20 tad-Direttiva 2000/78 jenfasizzaw l-importanza tal-miżuri intiżi sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet tal-persuni diżabbli fl-ambjent tax-xogħol tagħhom, fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà. Il-premessa 17, b'mod partikolari, filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza ta' wieħed ikollu l-kapaċità rikjesta għall-pożizzjoni kkonċernata, tistabbilixxi l-eżistenza ta' obbligu li jiġu previsti

[13] Ara, f'dan is-sens, il-premessa 6 tad-Direttiva 2000/78 li tirreferi għall-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fondamentali tal-Ħaddiema u l-premessa 8 ta' din id-direttiva.

[14] Ara l-premessa 9 tad-Direttiva 2000/78. Barra minn hekk, nenfasizza li l-kliem tal-Artikolu 26 tal-Karta, intitolat "Integrazzjoni tal-persuni diżabbli", "l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt tal-persuni diżabbli li jibbenefikaw minn miżuri intiżi biex jiżguraw l-awtonomija tagħhom, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom, u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-Komunità". Ara wkoll is-sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, Glatzel (C-356/12, EU:C:2014:350, punt 77).

[15] Ara l-premessa 20 tad-Direttiva 2000/78.

[16] Ara l-premessi 26 u 27 tad-Direttiva 2000/78.

[17] Korsiv miżjud minni.

[18] Ser neżamina dan il-kunċett fid-dettall iktar 'il quddiem. Ara l-punti 58 sa 68 ta' dawn il-konklużjonijiet.

arranġamenti raġonevoli għall-persuni diżabbli. Fir-rigward tal-premessa 20, din iżżid li għandhom jiġu previsti xi miżuri xierqa, jiġifieri effikaċi u prattiċi intiżi sabiex jadattaw il-post tax-xogħol skont id-diżabbiltà, pereżempju bl-adattament ta' tagħmir jew tat-tqassim tal-kompiti.

57. Il-kawża preżenti twassal sabiex isiru mistoqsijiet fuq l-implimentazzjoni ta' dan il-bilanċ bejn il-funzjonament tajjeb tas-servizzi kkonċernati u t-teħid inkunsiderazzjoni tad-diżabbiltà. Sabiex jiġi vverifikat jekk miżura bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju għall-funzjonament tajjeb tas-servizzi kkonċernati, ser neżamina iktar 'il quddiem il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq ir-rekwiżiti tal-interoperabbiltà (Taqsima 1), u tal-kapaċità fiżika għolja (Taqsima 2). Minkejja li din il-ġurisprudenza tirrigwarda d-diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa u d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, inqis li fiha tagħlim rilevanti fir-rigward tad-diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà. Sussegwentement ser nanalizza d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78 hekk kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja billi nenfasizza li dawn jimponu obbligi speċifiċi fil-qasam tad-diżabbiltà u jsaħħu iktar dan it-tagħlim (Taqsima 3). Ser intemm l-analiżi tiegħi billi niddeduċi l-konsegwenzi tal-ġurisprudenza eżaminata kollha għal kawża bħalma hija dik tal-kawża prinċipali (Taqsima 4).

## *1. Fuq ir-rekwiżit tal-interoperabbiltà*

58. Hekk kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari, ir-rekwiżit tal-*interoperabbiltà* huwa fil-qalba tal-argumenti żviluppati mill-Ministru għall-Ġustizzja insostenn tar-rekwiżit ta' livell ta' akutezza tas-smigħ minimu sabiex tiġi eżerċitata l-funzjoni ta' uffiċjal tal-ħabs. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju tirrapporta li, skont dan il-ministru, l-uffiċjali tal-ħabs kollha għandhom ikunu f'pożizzjoni sabiex iwettqu kompiti differenti mill-kompiti normali tagħhom u, b'mod partikolari jagħtu assistenza lill-pulizija. Dawn tal-aħħar jistgħu jiġu assenjati għal kwalunkwe pożizzjoni fi ħdan il-ħabs, li għalih jirċievu taħriġ suffiċjenti u, għal dan il-għan, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa rikjesti għal dawn il-pożizzjonijiet kollha. Fl-opinjoni ta' dan il-ministeru, mingħajr ir-rekwiżit fil-qasam tal-akutezza tas-smigħ stabbilit mir-Regolament Nru 12, ma jkunx dejjem possibbli li jiġu ssodisfatti l-għanijiet li tiġi żgurata sal-livell massimu s-sigurtà tal-persuni fl-istituzzjoni tal-ħabs u li jiġi evitat il-periklu għall-ordni pubbliku.

59. Titqajjem il-mistoqsija sabiex isir magħruf jekk huwiex suffiċjenti li l-interoperabbiltà tal-uffiċjali tkun kkunsidrata bħala neċessarja għal dawk responsabbli għas-servizzi previsti fil-premessa 18 tad-Direttiva 2000/78, f'dan il-każ is-servizz tal-ħabs, sabiex tiġi ggarantita n-natura operazzjonali ta' dawn is-servizzi, sabiex differenza fit-trattament fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2000/78 tkun iġġustifikata.

60. Il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet sabiex teżamina problema analoga fis-sentenza Sirdar [19], dwar ir-reklutaġġ ta' kok tas-sess femminili mill-forzi armati Brittaniċi, fil-kuntest ta' differenza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa. Il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk il-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju fi ħdan unità partikolari ta' dawn il-forzi armati, f'dan il-każ ir-Royal Marines, li huwa korp elit, jippermettux li jiġu esklużi n-nisa milli jingħaqdu magħhom.

[19] Sentenza tas-26 ta' Ottubru 1999 (C-273/97, EU:C:1999:523).

61. Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li l-korp armat inkwistjoni kien differenti fundamentalment mill-oħrajn sa fejn jintervjeni fuq quddiem f'xi operazzjonijiet commando [20] u applikat ir-regola msemmija bħala "interoperabbiltà" [21]. Abbażi ta' din, il-persunal kollu mingħajr eċċezzjoni, u għaldaqstant il-kokijiet ukoll, iridu jkunu kapaċi sabiex jiġġieldu f'unità commando.

62. Il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li, f'dan il-kuntest partikolari, il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' intervent tal-unitajiet ta' attakk li jikkostitwixxu r-Royal Marines, u b'mod partikolari r-regola tal-interoperabbiltà li dawn tal-aħħar huma suġġetti għaliha, jiġġustifikaw li l-kompożizzjoni tagħhom tibqa' esklużivament maskili sabiex tiġi żgurata l-effikaċja fil-ġlied [22].

63. In-natura speċifika ħafna tal-funzjoni u tal-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju marbuta magħha jistgħu jiġġustifikaw differenza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa u jippermettu li jiġi kkunsidrat li din id-differenza hija proporzjonali mal-għan imfittex. Nenfasizza li kunsiderazjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza fuq il-proporzjonalità ta' miżura li twassal għal diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa ma tapplikax għall-forzi armati kollha, iżda biss għal unità partikolari fi ħdanhom.

64. Dan l-approċċ kien ġie kkonfermat fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza [23]. Din is-sentenza kienet tirrigwarda r-reklutaġġ fis-servizz pubbliku, b'mod partikolari fil-pulizija, ta' dan l-Istat Membru, li kien jipprevedi perċentwali differenti ta' reklutaġġ ta' irġiel u ta' nisa, għad-detriment ta' dawn tal-aħħar.

65. Fil-kuntest tat-tilwima fejn kienet qiegħda topponi lill-Kummissjoni, Franza sostniet li l-uffiċjali tal-pulizija nazzjonali kellhom fi kwalunkwe mument ikunu jistgħu jirrikorru għall-forza sabiex jiskoraġġixxu dawk li jistgħu joħolqu l-inkwiet sabiex tiġġustifika r-regoli li jipprevedu reklutaġġ inqas tan-nisa fis-servizzi attivi tal-pulizija fil-konfront tan-numru ta' rġiel [24]. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li d-derogi mill-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bejn irġiel u nisa jistgħu jipprevedu attivitajiet speċifiċi biss u ddeċidiet li dan l-Istat Membru ma kienx irrispetta lil dan ir-rekwiżit [25].

66. Minn din is-sentenza jirriżulta li l-allegat rekwiżit tas-setgħa sabiex tintuża l-forza fi kwalunkwe mument u r-rekwiżit tal-interoperabbiltà ġenerali fi ħdan il-pulizija nazzjonali [26] ma ġewx ikkunsidrati bħala li ntwerew.

67. Hekk kif jirriżulta mis-sentenzi Sirdar [27] u Il-Kummissjoni vs Franza [28], in-neċessità ta' regola ta' interoperabbiltà ma tistax tiġi sempliċement deċiża sabiex tiġi ġġeneralizzata fil-konfront ta' professjoni sħiħa jew ta' settur ta' attività, u, meta dan iseħħ, sabiex jiġi ġġustifikat ksur tar-regola ta' ugwaljanza fit-trattament.

20 Ara s-sentenza tas-26 ta' Ottubru 1999, Sirdar (C-273/97, EU:C:1999:523, punt 30).

21 Ara s-sentenza tas-26 ta' Ottubru 1999, Sirdar (C-273/97, EU:C:1999:523, punt 7).

22 Sentenza tas-26 ta' Ottubru 1999, Sirdar (C-273/97, EU:C:1999:523, punti 25 u 31). Ninnota li l-Qorti tal-Ġustizzja ħadet ħsieb li tfakkar in-neċessità li jiġi eżaminat perjodikament jekk, b'teħid inkunsiderazzjoni ta-tibdil tas-soċjetà, id-deroga mis-sistema ġenerali tad-direttiva tistax tinżamm. Ara wkoll, f'dan is-sens is-sentenza tal-15 ta' Mejju 1986, Johnston (222/84, EU:C:1986:206, punt 37).

23 Sentenza tat-30 ta' Ġunju 1988 (318/86, EU:C:1988:352).

24 Ara s-sentenza tat- 30 ta' Ġunju 1988, Il-Kummissjoni vs Franza (318/86, EU:C:1988:352, punt 21).

25 Ara s-sentenza tat-30 ta' Ġunju 1988, Il-Kummissjoni vs Franza (318/86, EU:C:1988:352, punt 25).

26 Fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Il-Kummissjoni vs Franza (318/86, EU:C:1988:254, p. 3571), l-Avukat Ġenerali Slynn iddeskriva l-argument tal-Gvern Franċiż billi uża t-terminu "interkambjabbiltà". Ara, wkoll, fir-rigward tas-sentenza tat-30 ta' Ġunju 1988, Il-Kummissjoni vs Franza (318/86, EU:C:1988:352), il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali La Pergola fil-kawża Sirdar (C-273/97, EU:C:1999:246, punt 36).

27 Sentenza tas-26 ta' Ottubru 1999 (C-273/97, EU:C:1999:523).

28 Sentenza tat-30 ta' Ġunju 1988 (318/86, EU:C:1988:352).

68. Minbarra każijiet fejn l-interoperabbiltà hija ġġustifikata mill-impjieg imwettaq, bħal fil–kawża li waslet għas-sentenza Sirdar[29], in-natura ta' attività tista' madankollu twassal sabiex jiġu imposti xi kundizzjonijiet partikolarment ogħla fir-rigward tal-kapaċità fiżika u, għaldaqstant, tas-saħħa. Ser neżamina iktar 'il quddiem kif il-Qorti tal-Ġustizzja evalwat in-natura proporzjonata jew le ta' tali rekwiżiti fir-rigward tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fuq waħda mill-motivi previsti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78, f'dan il-każ, id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età.

## 2. *Fuq ir-rekwiżit ta' kapaċità fiżika ogħla*

69. Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat in-natura proprozjonata ta' rekwiżit ta' kapaċità fiżika ogħla fl-oqsma tas-servizzi tal-pompiera u tal-pulizija, prevista fil-premessa 18 tad-Direttiva 2000/78, kif ukoll f'dak tal-avjazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li dan ir-rekwiżit huwa marbut mal-età, billi enfasizzat li l-kapaċità fiżika tonqos max-xjuħija[30].

70. Fir-rigward tal-attività ta' pompier, li tikkostitwixxi servizz ta' salvataġġ fis-sens ta' din il-premessa, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat fis-sentenza Wolf[31] li l-ġlieda tat-tifi tan-nar, inkluż is-salvataġġ tal-persuni, teħtieġ kapaċitajiet fiżiċi għoljin ħafna u li l-kompiti implikati ma jistgħux jitwettqu ħlief minn persuni żgħażagħ. Huma ftit dawk l-uffiċjali li għandhom iktar minn 45 sena u li għandhom il-kapaċitajiet fiżiċi suffiċjenti[32]. Sabiex biżżejjed persuni b'dawn il-kapaċitajiet jistgħu jiġu assenjati għas-servizz tal-pompieri ddedikat għat-tifi tan-nar u għal perijodu twil biżżejjed qabel ma jiġu assenjati għal kompiti oħra fi ħdan is-servizzi tal-pompiera, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-iffissar ta' età massima ta' 30 sena għar-reklutaġġ tagħhom kien proporzjonat għall-għan li jiġu żgurati n-natura operattiva u l-funzjonament xieraq ta' dan is-servizz[33].

71. Din is-sentenza serviet ta' standard għas-sentenzi sussegwenti, b'mod partikolari fid-dominju tal-pulizija. B'hekk, id-domanda ġiet magħmula dwar jekk, bħal fil-każ tal-pompiera, l-età massima ta' 30 sena jew ta' 35 sena għar-reklutaġġ tal-pulizija kinitx proporzjonali għall-għan imfittex, jiġifieri li tiġi ggarantita n-natura operattiva u l-funzjonament tajjeb tas-servizz tal-pulizija kkonċernat.

72. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni bejn l-attivitajiet tal-pulizija lokali assenjati f'muniċipalità fi Spanja[34] u dawk tal-pulizija ta' komunità awtonoma ta' dan l-istess Stat Membru[35] filwaqt li rrikonixxiet li kapaċità fiżika partikolari hija meħtieġa f'kull pulizija, minħabba l-użu ta' forza fiżika fil-kuntest tal-attività tagħhom ta' protezzjoni tal-beni u tal-persuni kif ukoll is-sorveljanza u l-arrest tal-awturi ta' atti kriminali. Il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li l-livell ta'kapaċità fiżika jirrikjedi li l-pulizija responsabbli għal komunità awtonoma jista' jkun ogħla minn dak rikjest għall-pulizija lokali u, għaldaqstant, jirrekjedi tali limitu fl-età għar-reklutaġġ filwaqt li dan kien sproporzjonat fil-każ tar-reklutaġġ tal-uffiċjali responsabbli għall-pulizija lokali.

29 Sentenza tas-26 ta' Ottubru 1999 (C-273/97, EU:C:1999:523).

30 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Jannar 2010, Wolf (C-229/08, EU:C:2010:3, punt 41); tat-13 ta' Settembru 2011, Prigge *et* (C-447/09, EU:C:2011:573, punt 67); tal-5 ta' Lulju 2017, Fries (C-190/16, EU:C:2017:513, punt 46) kif ukoll tas-7 ta' Novembru 2019, Cafaro (C-396/18, EU:C:2019:929, punt 60).

31 Sentenza tat-12 ta' Jannar 2010, (C-229/08, EU:C:2010:3, iktar 'il quddiem is-"sentenza Wolf").

32 Ara s-sentenza Wolf, punti 41 u 43.

33 Ara s-sentenza Wolf, punti 43 u 44.

34 Sentenza tat-13 ta' Novembru 2014, Vital Pérez (C-416/13, EU:C:2014:2371).

35 Sentenza tal-15 ta' Novembru 2016, Salaberria Sorondo (C-258/15, EU:C:2016:873).

73. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-attività tal-ewwel fejn il-kompitu essenzjali huwa l-garanzija tas-sigurtà taċ-ċittadini fuq it-territorju kollu tal-Komunità, tista' timplika xi kundizzjonijiet ta' intervent diffiċli, jew anki estremi[36], filwaqt li dik tal-aħħar tinkludi wkoll li jiġi rregolat it-traffiku tal-karozzi u xi kompitu ta' natura amministrattiva ma għandhiex in-neċessità ta' kapaċitajiet fiżiċi eċċezzjonalment ogħla meta mqabbla ma' dawk meħtieġa b'mod sistematiku mill-pompiera assenjati fil-ġlied tat-tifi tan-nar[37].

74. L-eżami tal-proporzjonalità kien ibbażat fuq approċċ analogu li jimplika evalwazzjoni ddifferenzjata skont il-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tal-attività, fir-rigward tal-professjoni ta' pilota tal-ajruplan.

75. Fir-rigward tat-trasport kummerċjali tal-passiġġieri jew tal-merkanzija, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza Prigge *et*[38], li l-obbligu tal-waqfien għalkollox tal-attività tal-piloti tal-linji tal-ajru fl-età ta' 60 sena, impost minn ftehim kollettiv, ma kienx proporzjonat mal-għan tal-protezzjoni tas-sigurtà pubblika, inkunsiderazzjoni tal-kompiti involuti.

76. Bil-kontra, meta l-attività ta' pilota tikkonsisti mhux sabiex iwettaq t-titjiriet kummerċjali, iżda sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-Istat, l-obbligu ta' waqfien minn kull attività ta' pilota, fl-età ta' 60 sena tqies, fis-sentenza Cafaro[39], bħala proporzjonali għall-għan segwit, b'teħid inkunsiderazzjoni tan-natura tal-attività u tal-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju li timplika[40].

77. Mill-ġurisprudenza eżaminata f'din it-taqsima jirriżulta li r-rekwiżit ta' kapaċità fiżika partikolarment għolja, bħal dik rikjesta mill-pompiera assenjati fit-tifi tan-nar fis-sentenza Wolf, għandu jiġi limitat għall-funzjonijiet l-iktar eżiġenti fi ħdan professjoni partikolari. Kemm jekk fil-każ tal-pompiera, fil-pulizija jew fost il-piloti tal-ajruplani, għandu jiġi vverifikat jekk ma jeżistux pożizzjonijiet li għalihom livell ta' kapaċità fiżika inqas ma jkunx suffiċjenti, fis-sens li l-persuni li jixtiequ jaħdmu f'dawn il-pożizzjonijiet ma jiġux awtomatikament esklużi minħabba l-età tagħhom, b'mod sproporzjonat.

78. Fl-opinjoni tiegħi, din il-ġurisprudenza tapplika għal forom oħra ta' diskriminazzjoni, u b'mod partikolari dik ibbażata fuq id-diżabbiltà. Madankollu, fir-rigward ta' din tal-aħħar, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78 jipprevedi barra minn hekk, l-adozzjoni ta' "arranġamenti raġonevoli" favuri persuni diżabbli. Ser neżaminahom fit-taqsima li ġejja.

[36] Ara s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2016, Salaberria Sorondo (C-258/15, EU:C:2016:873, punt 41). Ninnota wkoll li, bħall-pompiera fis-sentenza Wolf (punt 43), in-neċessità invokata li tiġi stabbilita piramida ta' etajiet sodisfaċenti trendi neċessarju r-reklutaġġ ta' uffiċjali li għandhom inqas minn 35 sena.

[37] Ara s-sentenzi tat-13 ta' Novembru 2014, Vital Pérez (C-416/13, EU:C:2014:2371, punti 53 u 54) u tat-18 ta' Ottubru 2017, Kalliri (C-409/16, EU:C:2017:767, punt 38).

[38] Sentenza tat-13 ta' Settembru 2011, (C-447/09, EU:C:2011:573).

[39] Sentenza tas-7 ta' Novembru 2019 (C-396/18, EU:C:2019:929).

[40] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Novembru 2019 Cafaro (C-396/18, EU:C:2019:929, punti 53 sa 57). Xi kunsiderazzjonijiet analogi ġew ifformulati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, Glatzel (C-356/12, EU:C:2014:350), li tirrigwarda s-sewqan tal-karozzi u d-differenza fir-rigward tal-akutezza viżiva imposta fuq is-sewwieqa ta' vetturi tqal meta mqabbla mas-sewwieqa ta' vetturi ħfief. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li fid-dawl tar-rekwiżiti tas-sigurtà fit-toroq u b'teħid inkunsiderazzjoni tad-differenzi fid-daqs tal-vetturi, in-numru ta' passiġġieri ttrasportati u r-responsabbiltajiet li jirriżultaw, rekwiżiti iktar ħorox fir-rigward tal-akutezza viżiva jistgħu jkunu neċessarji mis-sewwieqa ta' vetturi tqal meta mqabbla mas-sewwieqa ta' vetturi ħfief (ara, f'dan is-sens il-punti 83 sa 85 ta' din is-sentenza).

### *3. Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tad-diżabbiltà*

79. Fir-rigward tal-persuni li jbatu minn diżabbiltà, għandu b'hekk jiġi verifikat, fuq il-bażi tal-ġurisprudenza eżaminata fit-taqsima preċedenti, jekk dawn il-persuni jistgħux jiġu assenjati f'pożizzjonijiet speċifiċi fi ħdan il-professjonijiet jew l-impjiegi previsti.

80. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78 isaħħaħ iktar lil dan ir-rekwiżit billi jirrikjedi mingħand il-persuna li timpjega sabiex tipprovdi "arranġament raġonevoli" taħt il-kundizzjoni li dawn ma jikkostitwixxux piż sproporzjonat. L-arranġamenti raġonevoli huma ddefiniti f'din id-dispożizzjoni bħala li huma miżuri xierqa, abbażi tal-bżonnijiet f'sitwazzjoni speċifika, sabiex jippermettu lill-persuna diżabbli jkollha aċċess għall-impjieg, teżerċitah u tavvanza fih [41].

81. Dan l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78 juri li l-persuni pubbliċi kif ukoll privati li jimpjegaw [42] għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni tal-bżonnijiet tal-persuni diżabbli u jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fix-xogħol. L-Artikolu 5 jimponi l-*obbligu* [43] fuq il-persuni li jimpjegaw sabiex jipprovdu arranġamenti raġonevoli fir-rigward tal-impjegati tagħhom li għandhom diżabbiltà sakemm dawn ma jikkostitwixxux piż sproporzjonat.

82. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li s-sitwazzjoni tal-persuni diżabbli għandha tkun is-suġġett ta' eżami speċifiku, anki individwali, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-bżonnijiet tagħhom "*f'każ partikulari*" [44].

83. L-impjegati kollha huma suġġetti għall-obbligu li jipprevedu arranġamenti raġonevoli [45]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat fis-sentenza HK Danmark li l-kunċett ta' "arranġamenti raġonevoli" għandu jinftiehem b'mod wiesa' [46] billi jipprevedi t-tneħħija ta' diversi barrieri li jostakolaw il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-persuni diżabbli fil-ħajja professjonali fuq il-bażi tal-ugwaljanza mal-ħaddiema l-oħra [47]. Il-premessa 20 tad-Direttiva 2000/78 fiha lista ta' arranġamenti raġonevoli ta' natura materjali, organizzattiva jew edukattiva [48] li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat li ma hijiex eżawrjenti [49].

84. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-direttiva tipprekludi tkeċċija li, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-obbligu li jiġu previsti arranġamenti raġonevoli għall-persuni diżabbli, ma hijiex iġġustifikata minħabba l-fatt li l-persuna la ma hija kompetenti, la kapaċi u lanqas disponibbli sabiex tissodisfa l-funzjonijiet essenzjali tal-pożizzjoni tagħha [50].

[41] L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2000/78 jipprevedi barra minn hekk li l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jadottaw azzjonijiet pożittivi u xi miżuri speċifiċi fil-konfront tal-persuni diżabbli.

[42] L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2000/78 jipprevedi li d-direttiva tapplika fuq il-persuni kollha, kemm pubbliċi u privati.

[43] Ara s-sentenzi, HK Danmark, punt 49, u tal-4 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-312/11, mhux ippubblikata, EU:C:2013:446, punt 62).

[44] Ara l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78 (korsiv miżjud minni).

[45] Ara s-sentenza tal-4 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-312/11, mhux ippubblikata, EU:C:2013:446, punt 62). L-Italja kienet ġiet ikkundannata peress li ma kinitx ipprevediet lil kull persuna li timpjega fil-miżuri tagħha ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2000/78 (ara l-punt 67 ta' din is-sentenza). Fis-sentenza HK Danmark (punt 49), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-persuna li timpjega hija marbuta tieħu miżuri xierqa.

[46] Ara s-sentenza HK Danmark, punt 53.

[47] Ara s-sentenza HK Danmark, punt 54.

[48] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza HK Danmark, punt 49.

[49] Ara s-sentenza HK Danmark, punti 49 u 56. B'hekk, minkejja li t-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol ma jissemmiex fil-lista' ta' miżuri ta' arranġamenti xierqa intiżi sabiex jadattaw il-post tax-xogħol għad-diżabbiltà li hemm fil-premessa 20 tad-Direttiva 2000/78, din tista' tiġi kkunsidrata bħala waħda mill-miżuri ta' arranġamenti raġonevoli previsti fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva (ara l-punt 64 ta' din is-sentenza).

[50] Ara s-sentenza tal-11 ta' Lulju 2006, Chacón Navas (C-13/05, EU:C:2006:456, punt 51).

85. Is-sentenza HK Danmark tikkonferma billi tiddeskrivi din l-interpretazzjoni. Din is-sentenza ttrattat liġi nazzjonali li tippermetti t-tkeċċija ta' ħaddiem b'perijodu iqsar ta' avviż tat-temm ta' impjieg fil-każ ta' assenza għal żmien twil minħabba mard[51]. Ħaddiema diżabbli tkeċċew minħabba l-assenza tagħhom, fuq il-bażi ta' din il-liġi. Mill-kuntest fattwali ta' din is-sentenza jirriżulta li dawn il-persuni kienu f'pożizzjoni sabiex jaħdmu numru ta' sigħat limitat kull ġimgħa. Barra minn hekk, wara t-tkeċċija ta' wieħed mill-ħaddiema, il-persuna li timpjega kienet ħareġ avviż b'offerta għal pożizzjoni part-time[52]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li għandhom jiġu eżaminati jekk l-arranġamenti raġonevoli, f'dan il-każ, taħt il-forma ta' tnaqqis fil-ħin tax-xogħol tagħhom, ippermettilhomx sabiex jeżerċitaw l-impjieg tagħhom filwaqt li ma kinux piż irraġonevoli għall-persuni li jimpjegawhom[53] u jekk l-assenzi li wasslu għat-tkeċċija tagħhom kinux dovuti għan-nuqqas tal-adozzjoni ta' tali arranġament[54].

86. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-Direttiva 2000/78 tipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti t-tkeċċija ta' ħaddiema diżabbli minħabba l-assenzi tagħhom minħabba mard, meta dawn l-assenzi huma l-konsegwenza tan-nuqqas ta' adozzjoni mill-persuna li timpjega, ta' arranġamenti raġonevoli konformement mal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva[55].

87. Fi kliem ieħor, f'sitwazzjoni fejn l-adozzjoni ta' arranġamenti raġonevoli ppermettew lil ħaddiem diżabbli sabiex jissodisfa r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-impjieg tiegħu, iżda fejn il-persuna li timpjega naqset milli tieħu tali miżuri, it-tkeċċija ta' dan il-ħaddiem minħabba l-fatt li ma jissodisfax lil dawn ir-rekwiżiti hija kuntrarja għad-Direttiva 2000/78[56] u liġi nazzjonali li tippermetti lil tali tkeċċija hija wkoll kuntrarja għal din id-direttiva.

### *4. X'konsegwenzi jistgħu jittieħdu minn din il-ġurisprudenza għall-kawża preżenti?*

88. Infakkar li, fil-kawża prinċipali, il-Ministeru għall-Ġustizzja sostna li l-livell ta' akutezza tas-smigħ meħtieġ mir-Regolament Nru 12, li jikkorrispondi għal dak meħtieġ għall-uffiċjali tal-pulizija, huwa ġġustifikat min-neċessità għal kull uffiċjal tal-ħabs li jkun f'pożizzjoni, fil-każ ta' bżonn, li jagħti assistenza lill-pulizija ġol-ħabs, u, għaldaqstant, sabiex jissodisfa rekwiżit ta' interoperabbiltà. B'hekk, kif enfasizzajt, tali rekwiżit ma jistax madankollu jiġi sempliċement iddegretat, iżda jrid jintwera[57].

89. L-interoperabbiltà tal-uffiċjali tista' tkun neċessarja f'xi ċirkustanzi speċifiċi, pereżempju, fil-każ ta' ħabsijiet iddedikati għall-ġbir flimkien ta' ħabsin perikolużi, jew kwartieri tal-ħabs iddedikati għalihom. F'tali sitwazzjoni, ir-rekwiżit li uffiċjali tal-ħabs ikollhom livell ta' akutezza tas-smigħ ogħla, bħal dik tal-pulizija, tidher iġġustifikata minħabba n-natura tal-funzjonijiet assenjati lilhom u l-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tagħhom[58].

[51] Ara s-sentenza HK Danmark, punt 13.

[52] Ara s-sentenza HK Danmark, punt 62.

[53] Ara s-sentenza HK Danmark, punti 59 u 62.

[54] Ara s-sentenza HK Danmark, punt 67.

[55] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza HK Danmark, punt 68.

[56] Ara, f'dan is-sens ukoll, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2019, Nobel Plastiques Ibérica, (C-397/18, EU:C:2019:703, punti 71 u 75). Minn din is-sentenza jirriżulta li l-persuna li timpjega ppreveda kriterji għat-tkeċċija bbażati fuq limiti ta' prodottività, ta' assenza u ta' versatilità, it-tkeċċija ta' ħaddiem diżabbli minħabba l-fatt li ma jissodisfax dawn il-kriterji, mingħajr ma ġew adottati arranġamenti raġonevoli fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78, tikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà pprojbita minn din id-direttiva.

[57] Ara l-punt 67 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[58] Tali rekwiżit ta' interoperabbiltà jista' wkoll ikun rikjest jekk hemm nuqqas ta' uffiċjali tal-ħabs fil-ħabsijiet kollha tal-Istat Membru inkwistjoni jew jekk din il-problema kienet preżenti fil-ħabs ikkonċernat.

90. Madankollu, ma ġie ppreżentat l-ebda element f'dan is-sens, fil-kuntest tal-kawża preżenti, li hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika dan.

91. Fi kwalunkwe każ, anki meta l-applikazzjoni ta' livell ta' akutezza tas-smigħ, bħalma huwa dak rikjest mir-Regolament Nru 12 tkun iġġustifikata mhux biss minħabba l-assistenza okkażjonali lill-pulizija, iżda b'mod ġenerali minħabba n-natura tal-funzjonijiet assunti mill-uffiċjali tal-ħabs, infakkar li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78 jobbliga, bħala prinċipju, lill-persuna li timpjega, sabiex tadotta arranġamenti raġonevoli. Din tal-aħħar hija fil-fatt obbligata sabiex tieħu l-miżuri adattati fir-rigward tal-ħaddiem diżabbli abbażi tal-bżonnijiet tiegħu f'sitwazzjoni partikolari, sakemm dawn il-miżuri ma jikkostitwixxux piż sproporzjonat għall-persuna li timpjega.

92. Tali arranġamenti jistgħu jkunu ta' natura organizzativa u jikkonsistu fl-assenjazzjoni tal-uffiċjal tal-ħabs ikkonċernat f'servizz li ma jirrikjedix normalment l-istess livell ta' akutezza tas-smigħ bħal dak meħtieġ għall-pulizija. F'każ bħal dak tal-kawża prinċipali, għandu jiġi vverifikat jekk l-assenjazzjoni f'pożizzjoni bħal dik fdata l-aħħar lir-rikorrent fil-kawża prinċipali, jiġifieri s-sorveljanza elettronika tal-ħabsin, tippermettilux sabiex jissodisfa kompletament ir-rekwiżiti tal-funzjonijiet tiegħu.

93. Il-fatt li uffiċjal tal-ħabs, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, seta' jeżerċita l-kompiti ta' sorveljanza fdati lilu, għas-sodisfazzjoni tas-superjuri tiegħu [59], huwa tali li juri li l-assenjazzjoni f'pożizzjoni oħra hija possibbli.

94. Nenfasizza li jekk il-persuna diżabbli hija kapaċi sabiex tissodisfa l-funzjonijiet tagħha, jekk ikun il-każ, wara l-adozzjoni ta' arranġamenti raġonevoli fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78, it-tkeċċija ta' din il-persuna minħabba s-sempliċi fatt li ma tissodisfax standard fil-qasam tal-akutezza tas-smigħ tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tiġi żgurata n-natura operazzjonali tas-servizz u twassal għat-tkeċċija unikament minħabba d-diżabbiltà li hija kuntrarja għal din id-direttiva [60].

95. Minbarra l-arranġamenti ta' natura organizzattiva, l-arranġamenti ta' natura materjali jistgħu jiġu previsti f'każ bħal dak fil-kawża prinċipali.

96. F'dan ir-rigward, ġie issuġġerit fil-kors tal-proċeduri quddiem il-qrati nazzjonali li l-uffiċjal tal-ħabs li jbati minn diżabbiltà tas-smigħ jista' jilbes apparat li jippermettilu jilħaq il-livell meħtieġ mir-Regolament Nru 12.

97. L-awtorizzazzjoni għall-użu ta' tali apparat jidhirli fil-fatt li tista' tiġi meqjusa bħala arranġament raġonevoli fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78.

98. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kif ukoll il-Ministeru għas-Saħħa u x-Xogħol u l-Kanċillier tal-Ġustizzja huma tal-opinjoni li l-użu ta' tali apparat għandu jiġi awtorizzat, bħalma huma n-nuċċali u l-lentijiet tal-kuntatt sabiex jikkoreġu defiċjenza viżiva.

99. Min-naħa tiegħu, il-Ministru għall-Ġustizzja jikkunsidra li ma teżistix il-prova li l-apparat tas-smigħ jipprovdi għajnuna u s-serħan tal-moħħ fil-qasam tal-akutezza tas-smigħ paragunabbli ma' dik li jipprovdu n-nuċċali u l-lentijiet tal-kuntatt fil-qasam viżiv. Bil-kontra, ninnota li, ma teżistix prova li turi li l-apparat ikkonċernat ma jikkoreġix b'mod daqstant effikaċi u bl-istess

[59] Ara l-punt 18 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[60] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2006, Chacón Navas (C-13/05, EU:C:2006:456), HK Danmark, kif ukoll tal-11 ta' Settembru 2019, Nobel Plastiques Ibérica (C-397/18, EU:C:2019:703), eżaminati fit-Taqsima 3 ta' dawn il-konklużjonijiet.

grad ta' serħan lid-defiċjenzi tas-smigħ bħalma jagħmlu n-nuċċali u l-lentijiet tal-kuntatt fir-rigward tad-defiċjenzi viżivi. Peress li apparat huwa espliċitament awtorizzat sabiex jikkoreġi diżabbiltà, bħad-defiċjenza viżiva, nistgħu nistaqsu għal liema raġuni l-użu ta' apparat ma jistax jiġi awtorizzat sabiex jikkoreġi diżabbiltà tas-sensi oħra, bħalma hija d-defiċjenza tas-smigħ.

100. Fir-rigward tal-kwistjoni sabiex isir magħruf jekk l-użu ta' apparat jikkostitwixxix piż sproporzjonat għall-persuna li timpjega, ma ġie ppreżentat l-ebda element f'dan ir-rigward. Il-paragun mal-użu tal-apparat korrettiv tal-vista jidhirli li jindika li l-użu ta' apparat tas-smigħ ma joħloq ebda piż sproporzjonat.

101. Ninnota, fi kwalunkwe każ, li sakemm l-użu ta' apparat tas-smigħ jiġi awtorizzat fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' uffiċjal tal-ħabs ġol-ħabs[61] u jippermetti lil dawn tal-aħħar sabiex jiksbu l-livell tal-akutezza tas-smigħ rikjest mir-Regolament Nru 12, ma jidhirx li huwa koerenti li jiġi pprojbit lill-uffiċjali tal-ħabs li diġà qegħdin fis-servizz jew fil-fażi ta' reklutaġġ li jeżerċitaw il-funzjoni ta' sorveljanza tal-ħabsin minħabba s-sempliċi fatt li waqt l-eżami tas-smigħ imwettaq mingħajr l-għajnuna ta' tali apparat, ma laħqux dan il-livell.

102. Inqis b'hekk li l-esklużjoni awtomatika ta' kwalunkwe uffiċjal tal-ħabs assenjat għas-sorveljanza tal-ħabsin jew ta' kwalunkwe kandidat għal dawn il-funzjonijiet, mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni l-kapaċità tiegħu sabiex jissodisfa l-funzjonijiet assenjati, minħabba s-sempliċi fatt li ma ssodisfax l-istandard fil-qasam tal-akutezza tas-smigħ stabbilit minn regolament bħalma huwa r-Regolament Nru 12 ma huwiex proporzjonat mal-għan ta' sigurtà pubblika u taż-żamma tal-ordni. Minn dan jirriżulta li tali regolament fih diskriminazzjoni diretta fuq il-bażi ta' diżabbiltà, kuntrarja għall-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2000/78.

## V. Konklużjoni

103. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula mir-Riigikohus, (il-Qorti Suprema, Awla ta' Stħarriġ tal-Kostituzzjonalità, l-Estonja), kif ġej:

L-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, moqri flimkien mal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi impossibbiltà assoluta ta' żamma fl-impjieg tiegħu ta' uffiċjal tal-ħabs minħabba s-sempliċi fatt li l-akutezza tas-smigħ tiegħu hija inqas mill-istandard stabbilit, mingħajr ma l-persuna li timpjega teżamina jekk din il-persuna hijiex kapaċi tassumi l-funzjonijiet li jirriżultaw mill-impjieg tagħha, jekk ikun il-każ wara l-adozzjoni ta' arranġamenti raġonevoli fis-sens ta' dan l-Artikolu 5, bħalma huma l-assenjazzjoni tagħha f'servizz partikolari jew l-awtorizzazzjoni tal-użu ta' apparat tas-smigħ.

[61] Il-Ministru għall-Ġustizzja stess enfasizza dan il-fatt.